MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 661/2004

**SMS Insurance Agency Limited (C5645) ghan-nom ta’ Ecclesiastical Insurance Office p.l.c kif surrogata fil-jeddijiet ta’ Patrick Cassar u l-istess Patrick Cassar**

**Vs**

**Ramon Fenech [0489683(M)]**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta’ seba’ mija u tmintax-il lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm718.86c) rapprezentanti danni f’incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenut qal:

"Jiena wassalt in-nies u kont hiereg 'il barra. Fin-nofs sibt li kien hemm crane u ma stajtx indawwar lura. Giet il-vettura l-ohra mid-direzzjoni opposta u saret il-habta."

Patrick Cassar qal:

"Jiena nahdem il-Playmobil u dhalt biex infittex parking spot. Bqajt niezel 'l isfel u f'daqqa wahda sibt il-vettura l-ohra ma' wicci."

Ra x-xhieda ta' Sharon Cilia li hija Claims Manager mas-socjeta' attrici fejn tikkonferma li huma hallsu l-polza u Cassar hallas hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) *excess*. Tghid illi mid-dokumenti esebiti t-triq li fiha gara l-incident tidher *one way*.

Ra x-xhieda ta' WPS 40 Isabelle Camilleri fejn tikkonferma l-iskizz u r-*Road Accident Report*.

Tghid illi l-kumpanija li hija sid l-art kienet iddecidiet li hija *one way* fejn sar l-incident u cjoe' fid-direzzjoni kif impingija fuq l-iskizz.

Ra x-xhieda ta' Patrick Cassar fejn jikkonferma li qal fir-*Road Accident Report*. Jikkonferma li fid-direzzjoni li kien sejjer hu, t-triq hija *one way*.

Jghid ukoll illi l-konvenut kien qallu li r-*ring road* kienet imblokkata b'xi crane u ghalhekk kellu bilfors idur ghal kontra tieghu.

Cassar jikkonferma li ma rax lill-konvenut gej minhabba li hemm is-sigar. *Brake marks* ma' l-art ma kienx hemm.

Ra x-xhieda ta' Peter Diacono li huwa Manager tal-Playmobil fejn jikkonferma li billi l-*Exit* kien maghluq huma kienu hargu avviz sabiex il-karozzi jghaddu bilfors *wrong side*.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li qal fir-*Road Accident Report*. Jaqbel ma' l-iskizz. Jghid ukoll illi fejn sar l-incident ma ra ebda *signs*.

Gie ddikjarat:

"Illi huwa maghruf li hija regola generali li fi kwestjonijiet ta' stharrig ta' responsabbilita' f'habta, li kull sewwieq irid ihares zewg regoli ewlenin, jigifieri (a) li jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi kollha ta' l-inhawi fejn ikun (maghduda maghhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-hin u l-kundizzjonijiet atmosferici) u (b) li jzomm attenzjoni (proper look-out) dwar dak li jkun qieghed isehh fil-qrib jew huwa mistenni li jsehh minnufih." (Ara wkoll **Formosa & Camilleri Ltd et Vs Joseph Camenzuli (PA - RCP 26/4/2001**).

Illi jirrizulta mill-iskizz li l-attur kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq filwaqt li jirrizulta mill-provi li l-konvenut (minhabba *diversion*) kien qed isuq kontra l-*one way*.

Illi l-vizwali taz-zewg sewwieqa kienet limitata u l-konvenut li kien jaf li kien gej mid-direzzjoni l-hazina kellu l-obbligu li joqghod attent iktar. Il-konvenut kien responsabbli ghall-incident ghax kellu l-obbligu li jsuq bil-mod hafna u jdoqq il-horn. Fix-xhieda tieghu l-konvenut ma semma' ebda prekawzjoni li kellu d-dover li jiehu fic-cirkostanzi.

Illi d-danni mhux ikkontestati.

Ra n-Nota ta' Riduzzjoni.

Ghaldaqstant jilqa' t-talba ta' l-atturi, jiddikjara li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u jikkundannah ihallas lill-atturi sitt mija u tmintax-il lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm618.86c) bl-ispejjez u bl-imghax mit-2 ta' Lulju, 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------